MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-17 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 153/2013

Kawza fil-lista: 1

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU**
Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici A B li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-14 ta' Mejju 2010 gewwa l-Kappella tad-Dar ta' Providenza, s-Siggiewi, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku Valletta min-numru progressiv 483/2010;

2. Illi ma tweldux tfal minn din l-unjoni u l-partijiet infirdu legalment permezz ta' kuntratt ippublikat min-Nutar Dottor Marco Farrugia fis-27 ta' Settembru 2012;

3. Illi ghalkemm kien jidher li l-istess zwieg kien validu effittivament dan ma kienx;

4. Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien ivvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew minhabba anomalija psikologika serja *ai termini* tal-artikolu 19 (1) (d);

5. Illi inoltre l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien ivizzjat b'eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga *ai termini* tal-artikolu 19 (1) (f);

6. Illi oltre u minghajr pregudizzju il-kunsens tar-rikorrenti inkiseb bil-biza *ai termini* tal-artikolu 19 (1) (a);

7. Illi l-istess esponenti ghandha interess li z-zwieg ikkontrattat fl-14 ta' Mejju 2010 jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u ghalhekk qed isir dan ir-rikors;

8. Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment;

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

i. Tiddikjara li z-zwieg ikkontrattrat fl-14 ta' Mejju 2010 bejn il-partijiet jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi ghar-ragunijiet hawn fuq indikati.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat l-elenku tad-dokumenti pprezentati;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut[1] li espona is-segwenti:

1. Illi l-esponenet gie debitament notifikat bir-rikors promotur nhar is-19 ta' Awissu 2013 u in ottemperanza ma’ dak ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti qieghed jottempera ruhhu billi jintavola l-umli risposta tieghu;

2. Illi l-esponenti jikkonferma li l-partijiet izzewgu nhar il-erbatax ta' Mejju 2010;

3. Illi l-esponenti jikkonferma li miz-zwieg ta' bejn il-kontendenti ma twieldux tfal;

4. Illi l-esponenti ma jikkontestax it-talba attrici, cioe dik li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

5. Illi nonostante li l-esponenti jaqbel mat-talba attrici jikkontesta bil-qawwa u jishaq li l-Artikolu 19 (1) (f) citat mill-attrici f'paragrafu 6 tar-rikors promutur fejn qed jintalab li dina l-Onorabbli Qorti ghanda tibbaza n-nullita jew le taz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa infondat fil-fatt u fid-dritt;

6. Illi b'referenza ghall-allegazzjonijiet f'paragrafu numru 4 u 5 tar-rikors promutur, l-esponent jaqbel illi tali vizji huma attribbwibbli konguntivament lill-partijiet stante li

[1] Fol. 11

ghalkemm waqt perijodi differenti entrambi ma riedux tfal, u ma kienux disposti jassumu r-responsabilitajiet relatati mat-trobbija tal-istess;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-attrici[2] li permezz taghha ddikjarat li ma ntavolatx proceduri quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku.

Rat l-atti kollha tal-process inkluz l-affidavits;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attrici.

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi**
Mill-provi jirrizulta illi wara gherusija ta' hames snin, il-partijiet izzewwgu; ma twieldux tfal minn dan iz-zwieg. Wara perjodu qasir ta' sentejn il-partijiet isseparaw legalment.

L-attrici tixhed permezz ta' affidavit. Tghid li bdiet tohrog mal-intimat bhala pika meta habibitha bdiet tohrog mal-ex gharus taghha u allura hi bdiet tohrog mal-ex gharus ta' habibitha. Kienu marru Barcelona u fir-ritorn il-konvenut talab lill-attrici sabiex jibdew jghixu flimkien fid-dar residenzjali tal-familja tal-attrici.

Kienet migbuda lejh u kienet thossha li ma jistghux jghixu minghajr xulxin. *'Huwa minnu li fil-bidu tar-relazzjoni taghna kien hemm attrazzjoni bejnietna, specjalment fl-ewwel ftit xhur.'* Din l-infattwazzjoni pero *'ftit taz-zmien wara din bdiet tonqos hafna.'*

Tiddeskrivi li l-akbar problema fir-relazzjoni taghhom kienet id-dominanza tal-intimat fuqha u dejjem irid jghaddi dak li jghid hu - *'C kien imfissed izzejjed mill-genituri tieghu u b'hekk huwa ried kollox dejjem skond id-dettami tieghu. Ma kienx jaf x'inhu kompromess jew diskussjoni ghax bil-fors dejjem kellha tghaddi tieghu.'* Tispjega kif b'din id-dominanza fuqha ‘*mieghi kellu certu kontroll fuqi u ma kontx kapaci li niqaflu’. Fil-fatt din kienet l-akbar problema li kellna fir-relazzjoni taghna. Ma kontx kapaci nzommlu u kien jiddeciedi kollox...jien kontra qalbi kont naccetta kull sitwazzjoni u kull ma jghidli.*' Barra minn dan kien hemm '*nuqqas ta' komunikazzjoni bejnietna.'* Tghid li l-gherusija '*kienet tassew wahda stramba hafna.'* Tispjega kif ma kienetx kapaci ittemm kollox *u 'kont naccetta dak kollox li jigi ghal wicci........b'hekk jiena nghid li ghalkemm meta bdejt nohrog mieghu jiena sirt inhobbu xorta ma kellniex relazzjoni normali’.*

Thoss li '*Ir-relazzjoni taghna kellha pass mghaggel wisq u n-nuqqas ta' serenita’ u komunikazzzjoni kienet tiddomina l-gherusija taghna.'*

Apparti dan tghid li l-intimat '*minn dejjem kien mohhu fil-loghob; l-gadgets u l-hbieb. Kont nipprova naqbad diskussjkoni mieghu izda kien jaqtali fil-qasir..........kien qammiel hafna*

[2] Fol. 18

*mieghi u dan mhux biss fuq livell finanzjarju izda anki fuq livell emozzjonali u fl-intimita' bejnietna.'*

Dwar ir-relazzjoni sesswali kemm qabel u wara z-zwieg tghid li *'wara ftit xhur l-intimita' bejnietna, naqset hafna u dan meta konna ghadna gharajjes ahseb u ara wara z-zwieg. Infatti kien hemm darba meta kien qalli li kont sirt qisu ohtu. B'hekk ir-relazzjoni taghna kienet wahda stramba hafna u dan ghaliex qatt ma urieni xi interess partikolari fija, izda fl-istess hin kont inhoss li kien iffissat fija'.*

Tispjega kif dan il-kontroll fuqha kien anke wara z-zwieg meta marret *'tghix gol-post ta' Birkirkara mhux ghax kienet l-ghazla tieghi izda minhabba l-fatt li hu kellu certu kontroll fuqi li ma nistax nispjega. Kont noqoghdlu ghal kollox.'*

*Spiccajt nghix f'kompetizzzjoni ma' Sammy u hbiebu, dejjem nipprova niggieled ghall-attenzjoni tieghu izda huma dejjem gew l-ewwel.'*

*L-affarijiet ta' bejnietna ma kienux tajbin, pero sfortunatament xorta bqajt mieghu. Ma nistax nghid li ma kontx inhobbu pero' 'deep down' kont naf li ma ridtx nibqa' f'dik ir-relazzjoni ghaliex ma kontx kuntenta. Peress li llum mmaturajt, naf li r-relazzjoni taghna ma kienitx bbazata fuq l-afarijiet importanti bhal komunikazzjoni, rispett, imhabba reciproka u intimita', izda minflok kont inhoss hafna pressjoni biex ma ndejqux u kont il-paljazza tieghu....Nammetti li s-sinjali kollha kienu hemm u ma kontx kapaci nohrog mis-sitwazzjoni.*

Wara hames snin gharajjes, iz-zwieg kien *the next step* ghalihom. Wasslu ghad-decizjoni taz-zwieg meta darba fost l-ohrajn, l-intimat qallha *'Issa naghmlu tieg ta'. kif qalli hekk hassejt xokk kbir. Ma kontx naf nghidlu le, kont nibza' li nwaqqghu ghac-cajt u niftakar li kont ghamilt tlett ijiem fis-sodda rieqda nahrab mir-realta'. Niftakar li missieri ghaddieli kumment. Tant kelli dwejjaq li ma ridt nara u nitkellem ma' hadd, pero bdejt nittama li nohrog mid-dwejjaq li kont qed inhoss.'* L-attrici tghid li ghalkemm hadet gost tipprepara ghat-tieg pero' kienet thossha li *qed tahrab mir-realta' ta' x'kien ifisser dan il-pass u bdejt niffoka biss fuq il-party tat-tieg........ Minkejja li hija x-xewqa ta' kull tfajla li xi darba tizzewweg, izda xorta bqajt inhoss il-gut feeling li ma konnhiex tajbin flimkien u kien ikolli perjodi ta' dwejjaq kbar jekk ma niffokax fuq il-preparamenti u naljena rasi ftit.'*

Tispjega kif *'parti minni mkissra minhabba li kont naf li mhux ghalija.'* Kellha dubji serji u tiddiskrivihom tant kbar li '*kwazi kien hemm hinijiet li xtaqet tnehhi kollox.'*

Nonostante dan dahlet ghat-tieg, konfuza hafna u ghalkemm deheret ferhana ma kienetx *'ghaliex kont ser nizzewwweg lil C. Kienku sibt il-kuragg kont naqbad u nitlaq mill-knisja, pero' jiena ma kellhiex il-kuragg naghmel dan.'*

Matul il-hajja qasira konjugali l-attrici tghid li *ma kellux l-icken idea ta' l-obbligi li jgib mieghu z-zwieg u dan ghaliex jew qatt ma fehem xi jfisser iz-zwieg, jew ghaliex qatt ma ried jaccetta l-obbligi ta' din l-unjoni;* baqa ghaddej bil-hajja tieghu ta' guvni u meta beda jitkisser iz-zwieg ma wera l-ebda interess sabiex jipprova jsalva dan iz-zwieg. Tirrakonta li waqt li kienu qeghdin imorru ghat-terapija (*couples' counselling*) huwa baqa' jibghat emails lin-nisa barranin fuq diversi *websites* u jghidilhom li kien guvni li kien qed iffittex relazzjoni daqs li kieku kien guvni.

**Deborah B,** oht l-attrici xehdet *viva voce* u permezz ta' affidavit. Tiddeskrivi lill-attrici bhala bniedma *'soft hafna, qalbha tajba hafna, biezla, bhala mara tad-dar issajjar, tiehu hsieb lil dak li jkun, tnaddaf, kollox.'* Tghid li ma qablitx meta ohtha bdiet tohrog mal-konvenut *'ghax ma narahx karattru li jistghu jkunu kompattibbli flimkien. Narah wisq possessiv.'*[3] Tghid li qabel iz-zwieg kien jghix fil-kamra tal-attrici ghand il-genituri taghha.

Tghid kif l-intimat qatt ma' ried il-*commitment* li jgib mieghu z-zwieg. Tiddeskrivi lill-konvenut bhala arroganti; tghid li l-attrici kienet tikkumenta dwar meta kien ikollhom x'jaqsmu fis-sens ghax ma kienx romantiku '*kont nghidilha ahsibha sew.....'*

Tirrakonta li ma ferrhitx meta ohtha l-attrici qaltliha li ser tizzewweg u meta l-attrici staqsietha ghaliex tghid: *'Ghidtilha ma nistax nifrah ghalik ghax jiena ma naqbilx ma' dan iz-zwieg mill-affarijiet li nara u nemmen li mhux se jirnexxi. Ghidtilha imma mbaghad inti taf, ghidtilha u jekk tpoggini xhud ghidtilha jekk trid li tizzewweg taghmilnix xhud ghax jiena mhux se niffirmalek.'*

Oht l-attrici tikkonkludi *'Nghid ghalija r-relazzjoni taghhom kienet wahda immatura hafna, jmaqdarha fuq l-apparenza taghha....min dak li kienet tghidli kien car ghalija li C ma kienx jirrispettaha u ma kienx jhobbha.'*

Xehdet il-Psikologa **Mariella Blackman**, li ghandha irrikorriet l-attiri ghall-ghajnuna professjonali circa sentejn wara z-zwieg.

Ix-xhud spjegat illi meta l-attrici marret tkellimha l-ewwel darba tant kienet agitata illi irreferitha ghand psikjatra ghaliex indunat li jekk l-ansjeta' taghha ma tigiex ikkontrollata ma setghatx wisq tassistiha permezz ta' terapija psikologika. Dwar il-jum tat-tieg tghid hekk:-

"Iva anki fil-gurnata tat-tieg qaltli kif hassitha. Qaltli kont qed nipprepara ghat-tieg dik il-gurnata, parti minni ferhana li jiena se nizzewweg pero' parti minni mkissra minhabba li kont naf li mhux ghalija. Qaltli kelli dubji serji waqt il-gurnata tat-tieg, kelli dubji kbar li kwazi kwazi kien hemm hinijiet li xtaqet tnehhi kollox u thassar kollox pero' kompliet ghaddejja minhabba x-xewqa kbira li kellha li tizzewweg u minhabba li lilu xtaqitu u sperat li dan jinbidel."

"Ghidtilha meta beda l-ewwel trouble u qaltli t-trouble beda mill-bidu meta jiena bdejt narah li ghadu l-istess ezatt kif kien qabel iz-zwieg. Qaltli ma nbidel xejn ghalkemm kont qed nispera li jinbidel u bqajna nohorgu ma' l-istess klikka single illi qabel konna nohorgu maghhom. Qaltli kull m'ghamilna biss il-firma tat-tieg pero' bqajna bl-istess mentalita' individwalista, hu baqa' johrog ma' dan Sammy u ma' ohrajn single u beda jkollhom xi jghidu minhabba f'hekk. Nuqqas ta' komunikazzjoni dejjem kien hemm u zdied wara z-zwieg ghax dahal il-forgrantedness u t-tieni wahda meta kienet turih il-bzonn taghha li tkun mieghu wahedha u mhux mal-hbieb, dan il-bzonn hu ma kienx itijulha, kien ihossu li huwa fgat, kien ihoss li hu urtat bl-expectations taghha u habba f'hekk ma setghet tibni xejn. Wasal iz-zmien illi fl-ahhar fittxet l-ghajnuna li missha kienet ilha li fittxet u giet f'estremita' kif qed nghidilkom li kienet ma tiflahx izjed, roghda fuqha kbira. Nahseb fl-esperjenza tieghi ta' 20 sena li ili naghmel family therapy nahseb kienet wahda mill-iktar klijenti li mmanifestat ansjeta' kbira u ghal tul ta' zmien ghax immanifestat ghal hafna sessions.".

[3] Fol. 21

Meta l-Psikologa Blackman iltaqet mal-konvenut huwa ammetta maghha li kien jghid lill-attrici li ma kienx migbud lejha. Meta l-Psikologa Blackman ikkonfrontat lill-konvenut dwar l-attitudni tieghu mill-bidunett taz-zwieg tal-partijiet illi jibqa' jghix qisu kien ghadu guvni sew fil-hajja socjali tieghu sew f'dak li huma finanzi il-konvenut wera li ma kien qed jara' xejn hazin: "staqsejtu kif inti mizzewweg u ghadek tghix daqs li kieku kont guvni u mid-dehra dan ma hassx li qed jaghmel xejn hazin ghax dik ir-realta' tieghu hija dik li hi, dak seta' joffri. Huwa bniedem individwali hafna, bniedem individwalist, bniedem li jahseb ghal rasu, bniedem li xi kultant jaghmel xi haga u ma tantx jammetti li ghamel xi haga hazina pero' ha nghid xi haga tajba wkoll ghaliex ir-ragel li dak iz-zmien kien jigi ghandi xtaq hafna li jirrikoncilja, jigifieri xi haga li hi min naha taghha ma xtaqitiex ghax kienet tant fi stat gravi psikologiku li ma hassitiex li setghet tkompli tkampa ma' dan it-tip ta' ragel."[4]

Il-Psikologa Blackman, li zammet diversi laqghat mal-konvenut, spjegat id-dijanjosi li ghamlet tal-konvenut b'dan il-mod:-

"Bhala *diagnosis* jiena nhares lejh bhala narcistic personality, jigifieri ghandu dizordni ta' narsizmu fejn l-agir tieghu ikun ta' problema ghalih innifsu u ghal ta' madwaru u ghandu certu egoizmu ta' nuqqas ta' empatija." Misoqsija dwar il-'personality disorder' li x-xhud spjegat bahal 'narcistic personality disorder' fil-konvenut tghid hekk:

"Naturalment kien prezenti qabel iz-zwieg kif tkellimna. Nemmen li f'dan il-kaz kien hemm nuqqas kbir ta' preparazzjoni ghaz-zwieg min naha taz-zewg nahat u qed nghid hekk ghax diga' rajna li hu b'dak id-disorder ma setax ikun mentalment u cognitively f'posizzjoni cara li jaf ghalxiex inhu diehel u x'inhuma d-dmirijiet".[5]

Il-konvenut xhed bil-mezz tal-affidavit.[6] Jikkontesta r-ragunijiet imressqa mill-attrici li jitfghu fuqu ir-ragunijeit ghall-annullament taz-zwieg tal-partijiet. Ghalkemm jaqbel li l-genituri tieghu kienu jghinuwhom pero' jghid li dan ma kien xejn straordinarju. Jichad li kien dominanti fuq l-attrici. Jispjega li kien jahdem hafna. Kien ikollu gimghat is-shift ta' bil-lejl u jahseb li dan kien ukoll kagun illi l-kuntatt bejn il-partijiet naqas. Jghid li peress li l-attrici xogholha huwa ta' 'hairdresser' u tahdem mid-dar, fid-dar taghhom spiss kien ikun hemm il-klijenti taghha. Konsegwenza ta' hekk mhux l-ewwel darba li kien ikun kostrett li jmur jistrieh ghand ommu milli d-dar.

Dwar il-habib tieghu Sammy jghid li dan bhal l-attrici huwa hairdresser u kien hemm ftit taz-zmien li l-attrici marret tahdem anke fis-salon tieghu izda imbaghad ma baqghetx. Kellha xi tghid mal-mara tieghu.

Jichad li kellu nisa ohra. Jghid li r-rutina giornaliera tal-attrici kienet ukoll ikkontribwit sabiex jitbedu minn xulxin. Jispjega illi l-gurnata normali tal-attrici kienet tibda kmieni sabiex tmur il-gym u fit-tmienja ta' filghaxija tkun diga rieqda sabiex tqum kmieni filghodu. Jghid li ghalhekk l-attrici ma kenitx assumiet ir-responsabbilitajiet ta' mara mizzewga. Dwar il-mod kif iddecidew li jizzewgu jaghti din l-ispjegazzjoni:-

"Ahna konna ddecidejna li nizzewgu ghaliex konna ilna sentejn nghixu flimkien. Kien meta kelli accident fejn laqtuni fi sparatura fejn sarli hold up . Kien wara dan l-incident li jiena

[4] Fol. 42
[5] Fol. 46
[6] Fol. 63

acectatjat li nizzewweg ghaliex hija kienet ilha tghidli qabel. Hija kienet ukoll tghidli li xtaqet tizzewweg ghaliex xtaqet ikollha t-tfal. Xtaqet ikollha t-tfal qabel iz-zwieg ukoll izda jiena ma ridtx.

Kien ghalhekk li zzewwigtha izda intbaht li tfal ma seta jkollna qatt ghaliex hija bdiet tiehu l-pil u ghalhekk tfal zgur ma setax jkollna. Jiena kien hemm affarijet li ma kontx naf bihom dwarha u nhos li it-tnejn kellna n-nuqqasijiet taghna u ma bdejtx nifihma xi trid aktar.

Hija fil-fatt kellha relazzjoni ma tfajla ohra u damet xi sentejn maghha. Kienet ghamlet habta tmur il-knisja u f'daqqa wahda dahret kontra l-knisja. Jiena nhoss illi hija nbidlet hafna wara z-zwieg u qisha persuna ma tafx xi trid f'hajjitha. Pprovajt nifihma izda dejjem b' xi haga gdida u ma nikkuntenta b' xejn.”

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**L-Azzjoni**

L-attrici issejjes l-azzjoni attrici minnha proposta ghall-annullament taz-zwieg taghha fuq diversi kawzali: (1) ghaliex il-kunsens tal-partijiet jew min minnhom ghaz-zwieg imsemmi kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha (2) ghaliex il-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien ivvizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u (3) il-kunsens tal-attrici inkiseb bil-biza.

**Kunsens Ivvizjat b’Difett Serju ta’ Diskrezzjoni ta’ Gudizzju fuq il-Hajja Mizzewga.**

**Artikolu 19 (1**) **(d)** tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi:

“*B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skont xi disposizzjoniji ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*”
Ikkunsidrat:

Biex l-azzjoni tirnexxi ab bazi tas-sub inciz (d) trid qabel xejn issir il-prova li il-kunsens tal-partijiet, jew ta' wiehed jew wahda minnhom, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.

**Gurisprudenza**

Fil-kawza "**Atkins C Vs Atkins Matilde"** (P.A. 2 ta' Ottubru 2003) inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat sabiex it-talba attur tigi akkolta.:

*"Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid*

*ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi....Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-drittijiet u r-responsabbilitajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonajali taghhom.*

Issir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **"Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph"** (P.A. 29 ta' Mejju 2003) *"Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser sempliciment kwalisiasi stat ta' immaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga.*

Fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritikoestimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati - in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju. Anqas ma jfisser li ghax ikun hemm element ta' indecizjoni jew dubju dwar ghazla tal-istat ta' hajja, dana huwa necessarjament dovut ghal nuqqas (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19 (1) (d) irid ikun hemm l-inkacapita psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali." (*ara **Emmanuel Camilleri v. Carmen Camilleri"** P.A., 10 ta' Novembru 1995)

Kif gie ritenut imbaghad fil-kawza **"Janet Portelli v. Victor Portelli"** (P.A. 14 ta' Awissu 1994) *"It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypothesis is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3)or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within."*

Fil-kawza **Tonna v Tonna** (Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fil-31 ta' Jannar 1996 dwar id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju intqal li "*dan irid jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.*

*B'immaturita' affettiva wiehed , naturalment, ma jifhimx sempliciment nuqqas ta' effett lejn persuna partikolari jew nuqqas ta' gibda lejha jew nuqqas ta' mhabba.'*

L-istess sentenza tkompli tghid: *"li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju" B'immaturita' affettiva wiehed, naturalment, ma jifhimx sempliciment nuqqas ta' effett lejn persuna partikolari jew nuqqas ta' gibda lejha jew nuqqas ta' mhabba.'*

**Ikkunsidrat:**
Applikati l-principji legali kif elaborati fil-gurisprudenza appena citata ghall-kaz in dizamina, jinghad dan li gej.

Il-provi mressqa juru minghajr ebda dubju illi tezisti bejn il-partijiet inkompatibilita' ta' karattru skjaccanti. Ghall-finijiet ta' din il-kawza pero' l-inkompatibilita' ta' karrattur ma hiex sufficjenti sabiex twassal ghal pronunzjament gudizzjarju li zwieg huwa null. Ghall-finijiet ta' din il-kawza jehtieg illi l-Qorti tindaga x'kien l-istat mentali tal-partijiet fiz-zmien li izzewgu u jekk dan l-istat kienx tali li jivvizja l-kunsens tat-tnejn jew ta' xi hadd minnhom. Il-Qorti qed taccetta d-dijanjosi li ghamlet il-Psikologa Mariella Blackman fir-rigward tal-'personality disorder' li hija irriskontrat fil-konvenut. Hija iddeskrivita bhala 'narcistic personality disorder'.

Fil-ktieb "**The Everything Guide to Narcissistic Personality Disorder**" (Cynthia Lechan Goodman MED., Barbara Leff LCSW – Adams Media 2011) jinghad fost affarijiet ohra illi persuna li tbati minn din id-dizordni fil-personalita' taghha : "…..cannot put things in perspective, and situations are blown out of all proportions, has little or no empathy and cannot identify with the feelings or thoughts of another person,………"

Mill-provi imressqa jirrizulta il-kondizzjoni mentali tal-konvenut fil-mument li kkontratta z-zwieg kienet tali illi kienet timpedih milli jersaq ghaz-zwieg b'diskrezzjoni ta' gudizzju idoneu ghal tali decizzjoni. Id-dizordni fil-personalita' tal-konvenut waslet sabiex il-kunsens li fl-apparenza huwa ta waqt ic-cerimonja taz-zwieg ma kienx wiehed validu ghaliex kien ivvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha. Dan il-fatt huwa manifestat mill-agir u l-komportament tal-konvenut mill-ewwel jiem tal-hajja mizzewga tieghu mal-attrici. Jirrizulta illi ghalkemm waqt ic-cerimonja tat-tieg l-attur iddikjara pubblikament li ried jizzewweg lill-attrici, pero' fil-verita' ma kellux il-hsieb u l-kapacita' illi jikkommetti ruhu ghall-hajja matrimonjali u dak kollu li z-zwieg jimporta mieghu. Id-dijanjosi tal-Prikologa Blackman hija msahha wkoll mill-fatt illi l-konvenut proprju iddecieda li jipproponi lill-attrici li tizzewgu meta hi qaltlu li trid titilqu. Reazzjoni normali ghal tali akkadut kienet tkun li wiehed jieqaf jahseb u jaghmel dixxerniment serju dwar ic-cirkostanzi kif kienu qed jizviluppaw u mhux jipproni li jizzewgu.

Ghalkemm il-konvenut jallega li kien il-kunsens tal-attrici li kien ivvizzjat u mhux tieghu, huwa ma ressaq l-ebda talbiet rikonvenzjonali f'din id-direzzjoni.

Peress li ghall-finijiet tal-akkoljiment tat-talbiet attrici huwa bizzejjed li tirrizulta wahda mill-kawzali proposti mill-attrici, mhux mehtieg li l-Qorti tiddelibra wkoll dwar il-kawzali l-ohra proposti mill-attrici.

Il-Qorti, wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha migjuba, hija tal-fehma li l-kunsens tal-konvenut fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg kien afflitt b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg ai termini tas-sub inciz (d) tal-artikolu 19 (1) tal Kap 255.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti,prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-kovenut, tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li z-zwieg ta' bejn il-partijiet ikkontrattat fl-14 ta' Mejju 2010 huwa null ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Spejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------